MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Numru 833/2005

Il-Pulizija
(Sp Stephen Gatt)
vs
Sami Bekhir, iben Josef,
imwieled Tripoli, Libya
fis-16 ta' diċembru, 1972

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazjzoni kontra l-imputat talli fis-17 ta' settembru, 2005 ġewwa tas-Sliema flimkien ma persuna oħra mhux magħrufa -
a. ikkometta reat ta' serq minn fuq il-persuna ta' Christine Finlayson mill-Ingilterra liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin;
b. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanżi kkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Davide Boschetti minn tas-

Sliema, hekk kif iċċertifika Dr. M. Mallia M.D. ta' l-Isptar San Luqa;
c. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanżi ħebb kontra l-persuna ta' Davide Boschetti sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;
d. talli fis-17 u fit-18 ta' settembru, 2005 irrifjuta li jagħti jew ta falz lill-pulizija waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom ismu, kunjomu, fejn joqgħod u 'particulars' oħra;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-7 ta' diċembru, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tin sab ħtij jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
Fl-artikoli 261(b)(d), 268, 279(b), 221, 188, 339(1)(d), 338(ċ), 17(b)(ċ), 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
Bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' jannar, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' frar, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli
261(b)(d), 268, 279(b), 221(1), 188, 339(1)(d) u 338(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------